MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 478/1998/1

John **CAMILLERI,** bħala president, Victor Spiteri, bħala viċi-president, Alphonse Abela, bħala segretarju, Manwel D'Amato bħala kaxxier, u Michael Cutajar, Mario Mifsud, u Mario Bonavia, bħala membri tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku, u b'Nota tat-18 ta' April, 2005, Victor Spiteri bħala president, Felix Fenech bħala viċi-president, Manwel D'Amato bħala segretarju, Alphonse Abela bħala kaxxier u John Camilleri, Jesmond Mario Farruġia u Charles Seychell bħala membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni dwar it-Trasport Pubbliku, assumew l-atti tal-kawża f'isem l-istess Assoċjazzjoni; u b'Nota tat-12 ta' Ottubru, 2006, Victor Spiteri, bħala president, John Camilleri, bħala viċi-president, Felix Fenech, bħala segretarju, Alphonse Abela, bħala kaxxier, u Anġelo Fenech, Charles Seychell u Andrew Garnisi, bħala membri, assumew l-atti tal-kawża bħala membri tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni attriċi; u b'Nota tad-19 ta' Novembru, 2008, Victor Spiteri, bħala president, Felix Fenech, bħala viċi-president, Andrew Garnisi, bħala segretarju, Alphonse Abela, bħala kaxxier, u John

Camilleri, Jesmond Mario Farruġia u Charles Seychell, bħala membri, assumew l-atti tal-kawża bħala membri tal-Kumitat tal-Assoċjazzjoni attriċi

vs

Charles **VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Frar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-atturi fil-kwalita' tagħhom hawn fuq imsemmija talbu li l-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom is-somma ta' Lm 5157.80[1] li kienet tirrappreżenta l-ammont li huwa naqas li jiddepożita fil-kont tal-Assoċjazzjoni mill-ġbir li huwa għamel mill-bejgħ tal-biljetti tal-karozzi tal-linja għall-jum tas-6 ta' April, 1994. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-22 ta' Ottubru, 1999, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-atturi kellhom juru min kienu l-membri li dak iż-żmien kienu jmexxu l-Assoċjazzjoni attriċi u min, skond l-istatut tagħha, għandu s-setgħa li jidher għaliha f'kawża u x'awtorizżazzjoni ngħatatilhom biex jiftħu l-kawża kontrih. Laqa' billi qal li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet biż-żmien tas-sentejn (artikoli 2153 u

[1] Li jġibu €12,014.44 fi flus tal-lum

2155(1) tal-Kodiċi Ċivili) u qal li l-atturi jmisshom iressqu kopja tal-kuntratt tal-impieg tiegħu. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li huwa kien traskurat fil-qadi ta' dmirijietu u seħaq li l-atturi kien ilhom mill-1994 jafu li hu kien insteraq minn persuni mhux magħrufa u kien minħabba f'hekk li ma kienx f'qagħda li jiddepożita l-flus miġbura mill-bejgħ tal-biljetti ta' dak inhar. Billi ż-żewġ persuni li ħabtu għalih, wara xi żmien, instab min kienu, talab li jissejħu fil-kawża Noel Dark u Emanuel Mugliette. Laqa' wkoll billi qal li l-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni ma jaqbilx mal-ammont tal-biljetti li nbiegħu dak inhar, u li, f'kull każ, hu ma kienx debitur tal-Assoċjazzjoni la fis-somma mitluba minnha u lanqas fl-ebda somma oħra;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Marzu, 2001[2], li bih u wara li saru l-verbali tat-tliet differimenti ta' qabel, ordnat lir-Reġistratur sabiex, bl-għajnuna tal-partijiet, jerġa' jirrikostruwixxi l-proċess li kien intilef, liema degriet reġa' ttenna waqt is-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2001[3];

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti (diversament presjeduta) b'rabta mat-talba tal-imħarrek biex jissejħu fil-kawża l-persuni minnu msemmija;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' April, 2003[4], dwar it-talba tal-imħarrek biex l-atti tal-kumpilazzjoni 621/94PV jiddaħħlu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-10 ta' Mejju, 2006[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba tal-imħarrek għas-sejħa fil-kawża tal-persuni minnu mitluba;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u x-xhud tagħhom quddiem il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Marzu, 2007[6], li bih ċaħdet talba tal-imħarrek b'rikors tiegħu tas-16 ta' Awissu, 2006, biex jitħalla jressaq eċċezzjoni ulterjuri;

---

[2] Paġ. 98 tal-proċess
[3] Paġ. 101 tal-proċess
[4] Paġ. 112 tal-proċess
[5] Paġġ. 143 sa 150 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju, 2007[7], li bih ċaħdet talba magħmula minn ATP b'rikors tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2007, biex tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża għadd ta' affidavit imressqa mill-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2009[8], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-assoċjazzjoni attriċi fis-16 ta' Diċembru, 2009[9];

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2010[10], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tal-1 ta' Frar, 2010, ċaħdet it-talba biex il-Qorti terġa' tiftaħ is-smigħ tal-provi dwar il-qagħda tal-Assoċjazzjoni attriċi biex tissokta l-kawża;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Mejju, 2010[11], bi tweġiba għal dik tal-Assoċjazzjoni attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2010 li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ħlasijiet li ma ngħatawx lil sidhom minn depożitarju. L-Assoċjazzjoni dwar it-Trasport

---

[6] Paġ. 153A tal-proċess
[7] Paġ. 203A tal-proċess
[8] Paġ. 364 tal-proċess
[9] Paġġ. 341 – 6 tal-proċess
[10] Paġ. 366A tal-proċess
[11] Paġġ. 372 – 6 tal-proċess

Pubbliku (aktar 'il quddiem imsejħa "ATP") tixli lill-imħarrek li naqas li jiddepożita f'bank flus li ġabar f'isimha mill-bejgħ ta' biljetti lix-xufiera tat-trasport pubbliku li hija tiġġestixxi f'isem il-membri tagħha. Tridu jħallashom lura;

Illi l-imħarrek laqa' billi qal, b'mod preliminari, li (i) ATP trid turi min fiż-żmien rilevanti kien qed imexxiha, (ii) li trid turi min skond l-istatut tagħha għandu l-jedd jidher għaliha f'kawża, (iii) min taha l-awtorizżazzjoni li tiftaħlu l-kawża, (iv) li turi l-kuntratt tal-impieg tiegħu u (v) li l-azzjoni waqgħet b'għeluq sentejn skond l-artikoli 2153 u 2155 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa uża l-għaqal kollu li kien mistenni minnu u dak li għadda minnu ma kienx ħtija tiegħu, u għalhekk ma kellu jħallas xejn lill-atturi u lill-Assoċjazzjoni rappreżentata minnhom. Ladarba kien vittma ta' aggressjoni f'serqa li saret fuq il-persuna tiegħu, irid li jkunu msejħin fil-kawża l-persuni li ħabtu għalih;

Illi b'deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Mejju, 2006, din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imħarrek biex jissejħu fil-kawża ż-żewġ persuni magħrufa li ħabtu għalih dak inhar li kellu jiddepożita l-flus;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek kien impjegat ma' ATP sa mill-1981. Fl-1989 bdiet tħaddmu bħala bejjiegħ tal-biljetti tal-karozzi tal-linja[12]. Fost ix-xogħlijiet li kienet iġġib magħha dik il-ħatra, kien hemm il-prattika li, f'għeluq il-jum, jiġbor il-ħlasijiet kollha ta' dak inhar u mal-ewwel opportunita' jmur jiddepożitahom fil-kont tal-bank f'isem l-Assoċjazzjoni. L-imħarrek kien jaħdem minn ġo gabbana fil-venda ta' Bieb il-Belt[13]. Fis-6 ta' April, 1994, l-ammont depożitat ma kienx jaqbel mal-ammont dikjarat ta' flus miġbura u l-biljetti li huwa ma kienx biegħ dak inhar. Id-differenza kienet ta' Lm 5157.80;

Illi mid-dokumenti ta' rikonċiljazzjoni ta' li saru l-għada[14], ħareġ li l-imħarrek ingħata b'kemm jiswew Lm 10,428.10 b'biljetti għall-bejgħ ta' denominazzjoni differenti u radd

[12] Affidavit tiegħu f'paġ. 199 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Emanuel Galea 17.1.2000, f'paġ. 45 tal-proċess
[14] Dok "EG1", f'paġ. 59 tal-proċess

lura l-għada b'kemm jiswew Lm 2,706.30[15]. Fl-istess waqt, jidher li dak inhar ukoll, fi tmiem il-jum tax-xogħol, huwa iddepożita fin-*night safe* tal-fergħa tal-Bank of Valletta ta' Triq ir-Repubblika Lm 2,564 fi flus kontanti[16]. ATP kellha ċ-ċavetta tad-*deposit box* tal-imsemmija fergħa tal-bank biex ikunu jistgħu jiddepożitaw fiha d-dħul tal-jum[17];

Illi l-imħarrek joqgħod ir-Rabat u dak inhar tas-6 ta' April, 1994, meta kien tela' lura mix-xogħol u kien niżel minn xarabank u miexi lejn id-dar, kien itteħidlu basket minn idejh li fih kellu biċċa mill-flus minnu miġbura mill-bejgħ tal-biljetti ta' dak inhar u kwantita' ta' biljetti mhux mibjugħa. L-imħarrek irrapporta s-serqa dak inhar stess fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat u nfetħet inkjesta Maġisterjali fejn inħatru bosta esperti, fosthom Alfred P. Camenżuli, li ħalla rapport fl-10 ta' Ġunju, 1994. Min wettaq is-serqa kien instab ħati ta' dan minn Qorti kompetenti b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Lulju, 1996[18]. Dawn il-persuni kienu identifikati bħala Noel Dark u Emanuel Mugliette, iż-żewġ persuni li l-imħarrek talab is-sejħa fil-kawża tagħhom f'din il-kawża;

Illi fit-18 ta' Awissu, 1997[19], ATP interpellat lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex iħallasha s-somma mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazjonijiet legali tal-każ,</u> jidher li kemm l-azzjoni attriċi u kif ukoll il-qafas tal-ġrajja li tinbena fuqhom jaqgħu fl-ambitu tal-kuntratt tad-depożitu. Madankollu, jeħtieġ li, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni fil-qofol tagħha, l-Qorti tgħaddi biex tqis l-**eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek li baqa' ma rtirahom qatt;

Illi dwar l-**ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari** jirriżulta li ATP għandha statut[20] li daħal fis-seħħ f'Novembru tal-

[15] Dok "EG4", f'paġ. 63 tal-proċess
[16] Dok "EG2", f'paġ. 60 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Alphonse Abela 8.3.2000, f'paġ. 77 tal-proċess
[18] Dok "A", f'paġġ. 17 sa 23 tal-proċess
[19] Dok "ATP1", f'paġġ. 159 – 160 tal-proċess
[20] Dokti "ATP" u "ATP2", f'paġġ. 56 – 8 u 161 – 7 tal-proċess

1977 u li jipprovdi, fost l-oħrajn, li jkun hemm "Kumitat diriġenti" li jamministra u jmexxi s-servizz tat-trasport pubbliku u li jkun magħmul (wara li jagħlaq iż-żmien transitorju ta' xahrejn mit-twaqqif) minn disa' minn fost l-imseħbin tagħha[21]. Il-Kumitat għandu s-setgħa li jieħu passi meħtieġa sabiex tinżamm il-'buon ordni' u jħares l-interessi tas-servizz[22], u li għandu l-poteri kollha neċessarji biex imexxi u jamministra kif jixraq u wkoll li jieħu passi dixxiplinari kontra xi msieħeb tagħha għal kull ksur tad-direttivi tagħha[23]. L-istatut inbidel maż-żmien;

Illi l-Qorti m'għandhiex dubju li ATP hija dik l-għamla ta' korp magħruf mil-liġi u li, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ illum, jaqa' taħt u jinsab regolat mill-artikolu 27 tal-Ewwel Sub-Titolu u l-artikoli 48 sa 54 tat-Tielet Sub-Titolu tat-Tielet Titolu tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili;

Illi tul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża, kull meta kien hemm bdil fil-Kumitat tat-tmexxija ta' ATP, tressqet Nota fl-atti tal-kawża bl-ismijiet tal-persuni li kienu jagħmlu mill-imsemmi kumitat. L-imħarrek iqanqal kwestjoni dwar il-korrettezza tal-ismijiet jew tal-karigi msemmija[24]. Huwa minnu wkoll li l-imħarrek ressaq xhieda biex jgħidu li ATP kienet ħadet deċiżjoni, fuq parir legali mogħti lilha mill-avukat tagħha, li ma jittieħdu l-ebda proċeduri kontra l-imħarrek, iżda kontra dawk li serquh[25]. Madankollu, jekk kemm-il darba kien hemm xi żmien fejn tassew ittieħdet deċiżjoni bħal din, ma jfissirx li f'xi żmien ieħor xi kumitat eżekuttiv suċċessur kien jibqa' marbut ma' deċiżjoni bħal dik jew ma setax jirrevedi l-qagħda tiegħu. Jidher li din tal-aħħar kienet x'aktarx dak li ġara, l-aktar minħabba xi tilwim li kien inqala' fi ħdan ATP nnifisha f'dawk iż-żminijiet u mill-mod x'aktarx vjolenti li l-kumitat kien inbidel ftit żmien wara l-ġrajja tal-lum;

Illi, din il-bidla fil-fehma toħroġ ukoll mill-att ġudizzjarju li ATP bagħtet lill-imħarrek ftit xhur qabel ma fetħet il-kawża, fejn kienet qiegħda turi li l-qagħda tagħha kienet

[21] Klawsola 6, f'paġ. 56 tal-proċess
[22] Klawsola 16, f'paġ. 57 tal-proċess
[23] Klawsola 25, f'paġ. 58 tal-proċess
[24] Ara Par. 16 u 17 tan-Nota tiegħu, f'paġ. 375 tal-proċess
[25] Affidavit ta' John Borġ u Alex Pulo, f'paġġ. 171 u 173 tal-proċess

qiegħda tindirizzaha kontrih. Minbarra dan, jidher li din l-eċċezzjoni tal-imħarrek issib tfixkil minn dak li jiddisponi l-artikolu 786(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta moqri flimkien mal-artikolu 180(1) tal-istess Kodiċi;

Illi għalhekk, jidher li dwar **l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari**, ATP ressqet id-dokumentazzjoni jew provi meħtieġa b'mod li l-istess eċċezzjonijiet m'għandhomx għaliex iwaqqfu lill-Qorti milli tkompli tqis il-kwestjoni;

Illi għalkemm tissejjaħ eċċezzjoni prelimnari, r-**raba' eċċezzjoni** m'hijiex sewwasew eċċezzjoni, għaliex il-fatt li l-imħarrek jitlob li ATP tressaq kopja tal-kuntratt tal-impieg tiegħu qajla jista' jgħodd bħala eċċezzjoni, iżjed u iżjed meta hemm qbil bejnu u l-istess ATP li huwa kien impjegat tagħha. L-imħarrek innifsu xehed[26] li tul l-impieg tiegħu ma' ATP qatt ma ngħata jew iffirma kuntratt ta' mpieg miktub. Dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li huwa tassew kien impjegat u lanqas jonqos b'daqshekk xi element ta' siwi tal-kuntratt tal-impieg, ladarba l-liġi nnifisha tipprovdi li l-kuntratt tal-impieg ikun jiswa wkoll jekk isir bil-fomm[27]. Mela lanqas din l-"eċċezzjoni" m'għandha tkun ta' xkiel għall-istħarriġ tal-każ fil-qofol tiegħu;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ is-siwi tal-**ħames eċċezzjoni** tal-imħarrek li titkellem dwar il-preskrizzjoni. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek ma jagħmel l-ebda rimarka jew osservazzjoni dwarha. Huwa jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2153 u 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili li t-tnejn li huma jitkellmu dwar żmien preskrittiv ta' sentejn;

Illi ATP tirribatti l-imsemmija eċċezzjoni b'argumenti marbutin maż-żmien preskrittiv li jgħodd għall-ksur ta' rabtiet kuntrattwali[28];

[26] Affidavit tiegħu f'paġ. 199 tal-proċess
[27] Ara t-tifsira ta' « *kuntratt ta' servizz* » jew « *kuntratt ta' mpieg* » fl-art 2 tal-Att XXII tal-2002 (Kap 452) li tixbah ukoll it-tifsira li kienet tingħata fil-liġi fis-seħħ fiż-żmien tal-każ (Kap 135)
[28] Paġ. 344 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Il-Qorti jidhrilha li l-azzjoni ta' ATP la hija azzjoni għad-danni jew ħlas ta' ħsarat fis-sura akwiljana (iżda azzjoni dwar inadempiment kuntrattwali min-naħa tal-imħarrek imnissel mill-kuntratt tal-impieg tiegħu) u lanqas ma hija azzjoni għat-teħid lura tal-ħaġa mitlufa, billi l-azzjoni tal-lum m'hijiex waħda tar-radd lura tal-ħaġa nnifisha. F'kull każ, ma jidhirx li dik l-eċċezzjoni tiswa lanqas għaliex, ladarba l-azzjoni tal-lum hija waħda kontra depożitarju, sakemm il-ħaġa mħollija f'idejh ma ngħatatx lil min kien intitolat għaliha, l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jgħaddi favurih biex iwaqqaf it-talba għar-radd lura tal-ħaġa jew tal-valur tagħha minn min juri li huwa intitolat għaliha[29]. Imbagħad, billi d-dmir ewlieni tad-depożitarju li jrodd il-ħaġa depożitata miegħu jew il-valur tagħha huwa obbligazzjoni kontinwa, dak l-obbligu jibqa' jiġġedded sakemm il-ħaġa depożitata tintradd lura u ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jibdiex jgħaddi sakemm ittul qagħda bħal dik[30]. Raġuni oħra għaliex din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba għandha tirriżulta wkoll meta, aktar 'il quddiem, il-Qorti sejra tistħarreġ id-disa' eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi għalhekk, lanqas il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek m'hija sejra tintlaqa';

Illi l-**istħarriġ tas-siwi tal-azzjoni attriċi fil-mertu** jidher li jinbena fuq qari xieraq taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ. L-imħarrek kien impjegat ma' ATP, u kellu jwettaq ċerti dmirijiet. Fost dawn id-dmirijiet, fiż-żmien rilevanti ta' din il-kawża, kien hemm dak li jiġbor il-flus mill-bejgħ tal-biljetti lis-sidien tal-karozzi tal-linja u jgħaddi d-dħul lil ATP. Fil-kors tal-ħidma tiegħu, għadda minn esperjenza li żammitu milli jwettaq dak li kien marbut jagħmel. Kemm mis-sottomissjonijiet ta' ATP innifisha, iżda aktar minn dawk imressqin mill-imħarrek, joħroġ li l-qafas tal-azzjoni attriċi jinbena fuq ir-rabta kuntrattwali, mnissla mill-kuntratt tal-impieg tal-imħarrek, u marbut b'mod partikolari mal-istitut tad-depożitu, ladarba l-istess imħarrek kien depożitarju ta' assi li tagħhom ATP kienet is-sid;

---

[29] Art. 2118 tal-Kap 16

[30] P.A. CS **17.6.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Marie Louise Marotta vs Charles Brincat*** (mhix pubblikata)

Illi f'dan il-każ, id-depożitu ma sarx minn ATP, imma mill-membri tagħha s-sidien tal-karozzi tal-linja li kienu jgħaddu lill-imħarrek u 'l dawk impjegati bħalu l-flus tal-biljetti li jixtru. Il-liġi tagħraf bejn għamliet differenti ta' depożitu, li jista' jkun wieħed hekk proprjament imsejjaħ jew jista' jkun sekwestru konvenzjonali. Tal-ewwel, imbagħad, jista' jkun jew depożitu volontarju – meta jkun sar bil-kunsens kemm ta' min jiddepożita l-ħaġa u kif ukoll ta' dik il-persuna li magħha jsir id-depożitu[31] – jew inkella depożitu neċessarju, jiġifieri meta wieħed ikun imġiegħel jiddepożita minħabba xi aċċident jew ġrajja oħra ta' bla ħsieb[32]. F'kull każ, il-kuntratt tad-depożitu jinvolvi t-tqegħid ta' ħaġa f'idejn ħaddieħor, bl-obbligu ta' dan li jħarisha u li jroddha lura *in natura* meta jintalab li jagħmel dan[33], iżda fejn il-ħaġa depożitata tkun funġibbli jew fejn id-depożitarju jitħalla jinqeda biha (dak li huwa magħruf bħala d-depożitu irregolari), id-dmir tad-depożitarju huwa dak li jrodd ħaġa tal-istess valur u natura;

Illi l-liġi trid li dak li għandu titqiegħed ħaġa b'depożitu jieħu ħsiebha bħalma jieħu ħsieb ħwejġu stess[34]. Iżda hu ma jweġibx għall-aċċidenti li jseħħu b'forza maġġuri, sakemm ma jkunx tnikker biex irodd lura l-ħaġa lil min ikun talabhielu lura[35]. Id-dmir ewlieni u element kardinali tal-kuntratt tad-depożitu huwa li d-depożitarju għandu jrodd lura l-istess ħaġa mħollija f'idejh fil-qagħda li tkun fiż-żmien meta tintradd u kull tgħarriq li ġġarab bla ħtija tiegħu jbatiha d-depożitant[36]. Ir-radd lura jrid isir jew lil min wettaq id-depożitu, jew lill-persuna li f'isimha jkun sar id-depożitu, jew lill-persuna maħtura biex tirċievi l-ħaġa[37];

Illi jitqies li ħaġa depożitata tkun intilfet b'forza maġġuri jekk kemm-il darba jintwera li d-depożitarju jkun ħa l-passi kollha meħtieġa u raġonevoli biex il-ħaġa depożitata tkun tqegħdet fiż-żgur[38]. Is-serq huwa waħda mill-ġrajjiet li

[31] Art. 1896 tal-Kap 16
[32] Artt. 1895 u 1920 tal-Kap 16
[33] Art. 1891 tal-Kap 16
[34] Art. 1899 tal-Kap 16
[35] Art. 1901 tal-Kap 16
[36] Art. 1904 tal-Kap 16
[37] Art.1908 tal-Kap 16
[38] Kumm. **29.6.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***Nut. Joseph Vella Galea vs Anġlu Azzopardi et*** (mhix pubblikata)

jistgħu jitqiesu bħala forza maġġuri għad-depożitarju[39]. Iżda fejn id-depożitarju jressaq il-fatt tal-forza maġġuri bħala difiża għat-talba biex irodd lura l-ħaġa depożitata, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova kif imiss dan il-fatt[40]. Normalment, id-depożitant jeħtieġlu jipprova biss li, bit-telfien tal-ħaġa depożitata, ġarrab danni: sakemm ma jkunx intwera li kien traskurat fl-għażla tal-persuna tad-depożitarju bħala persuna li tkun magħrufa bħala waħda traskurata fiż-żamma ta' ħwejjiġha, f'liema każ id-depożitant jitqies responsabbli minn għażla bħal dik[41]. Bid-difiża tal-forza maġġuri wieħed ikun irid juri mhux biss li l-ġrajja kienet waħda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet waħda li ma setgħetx tiġi evitata[42];

Illi f'dan ir-rigward jingħad li "*L'inadempimento costituito dall'omessa restituzione delle cose affidate al depositario, per essere state rubate, non esclude la colpa del depositario stesso se non nell'ipotesi che possa provare l'inevitabilita` dell'evento malgrado l'ordinaria, consueta diligenza*"[43];

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemm lanqas l-iċken dubju li l-imħarrek tassew għadda mill-esperjenza kerha li jinsteraq. ATP ma tiċħadx dan il-fatt lanqas. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek ressaq provi li juru li l-istess persuni li serquh kienu nstabu ħatja minn Qorti sewwasew ta' dik is-serqa[44]. Iżda fid-dawl ta' l-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, dan waħdu ma jwassalx lill-imħarrek li jeħles mir-rabta li huwa kellu lejn l-imgħallem tiegħu ATP dwar il-flejjes li kien ġabar f'isimha u l-ħtieġa li jgħaddihomlha kif mistenni. Fid-dawl tal-istess imsemmija konsiderazzjonijiet, l-imħarrek ried juri li dak li għadda minn għalih kien riżultat ta' ġrajja mhux mistennija u li ma setax jaħrab minnha;

---

[39] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***John Camilleri noe et vs Saviour Żahra*** (każ li jixbah ħafna l-każ tal-lum)
[40] App. Civ. **20.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.440**)
[41] App. Civ. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sapiano vs Fenech et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.149**)
[42] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Camilleri vs Dipartiment tal-Agrikoltura***
[43] Cassazione **8.9.1970** (nr. 1355)
[44] Dok "A", f'paġġ. 17 sa 23 tal-proċess

Illi ATP tixli lill-imħarrek li dak li għadda minnu seta' evitah kollu li kieku huwa qagħad għall-prattika li hija kellha mal-impjegati tagħha li jbiegħu l-biljetti, jiġifieri dik li ta' kull filgħaxija wara li jtemmu x-xogħol tagħhom jibqgħu sejrin ma' persuna mqabbda minn ATP stess biex jiddepożitaw il-flus miġbura fin-*night safe* ta' fergħa ta' bank li kienet fil-qrib. ATP tgħid li l-imħarrek ma qagħadx għal din il-prattika u ġab b'idejh dik l-esperjenza qarsa li kellu jgħaddi minnha. ATP tqis li dik l-imġiba xxejjen id-difiża tal-forza maġġuri għaliex, bin-nuqqas tiegħu, l-imħarrek fetaħ lilu nnifsu beraħ għar-riskju ta' ġrajja bħal din, riskju li huwa għażel minn rajh (anzi, kontra r-rieda ta' ATP) li jieħu fuqu stess. ATP tqis għalhekk li b'dik il-linja ta' mġiba, l-imħarrek ma nħelisx mir-rabta kuntrattwali li kellu li jgħaddilha l-flus li kien ġabar f'isimha;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jistrieħ fuq u jiġġustifika l-imġiba tiegħu fuq l-argument li mkien fil-kuntratt ta' mpieg tiegħu ma kien hemm stipulat bi kliem espress li huwa kellu tabilfors jiddepożita fil-fergħa tal-imsemmi bank dak inhar stess li jtemm jum ta' xogħol il-flus li jkun ġabar. Jibni wkoll l-argument (u ressaq xhud biex juri dan[45]) li s-sistema ta' prattika msemmi minn ATP lanqas l-ATP nnifisha ma kienet timxi miegħu u kienet iltaqgħet ma' problemi fit-twettiq tiegħu. Juża wkoll l-argument li dak is-sistema ma kienx wieħed ħieles mill-periklu u lanqas ma kien jiggarantixxi sigurta' lill-impjegati bħalu;

Illi dwar dawn it-tliet argumenti tal-imħarrek, il-Qorti tibda biex tosserva li ladarba jirriżulta li l-kuntratt tal-impieg tal-imħarrek ma sarx bil-miktub, wieħed ma jistax jippretendi li titressaq prova li l-proċedura tad-depożitu kienet miktuba jew tassattiva. B'daqshekk, ma jfissirx lanqas li dik il-prattika ma kinitx teżisti jew li ATP ma kinitx tridha. Jingħad biss li l-klawsola 14 tal-Istatut (oriġinali) ta' ATP kien jistipula li l-flus miġbura kellhom jitqiegħdu f'depożitu fil-bank "mill-aktar fis"[46]. Iżda fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża hu li, tajjeb jew ħażin, l-imħarrek innifsu kien segwa

[45] Affidavit ta' John Borġ f'paġ. 170 tal-proċess
[46] Paġ. 166 tal-proċess

din il-proċedura u iddepożita l-"fidda" u ċ-*cheques* fin-*night safe* tal-fergħa tal-bank bħal ħaddieħor u ma tax lill-Qorti raġuni tajba għaliex ma iddepożitax ukoll il-flus kontanti l-oħrajn, meta mbagħad l-għada kien imur fl-istess fergħa u jeffettwa d-depożitu ta' dak li ma jkunx iddepożita lejliet. Huwa fatt li ma jiċħdu ħadd li, kieku l-imħarrek inqeda minn din il-faċilita', żgur ma kienx isir vittma tas-serqa li ġarrab ftit tal-ħin wara;

Illi dwar it-tieni argument, ma tfissirx lill-Qorti x'kienu l-problemi li s-sistema mħaddem tad-depożitu fin-*night safe* kien qed joħloq lil ATP jew lill-impjegati tagħha.  L-aktar persuna kompetenti li seta' jfisser x'setgħu kienu dawn il-problemi – John Borġ, li kien il-President ta' ATP f'dik il-ħabta u li tressaq bħala xhud tal-imħarrek innifsu – ma ċċara qatt x'kien u ma kienx il-każ.  Hawnhekk ukoll, madankollu, l-Qorti ma tifhimx kif, minkejja dawn il-problemi, xorta waħda l-imħarrek mar ma' Frans Ċiappara (li l-ebda waħda mill-partijiet ma dehrilha li għandha tressqu b'xhud tagħha) u iddepożita parti mis-somma miġbura;

Illi dwar it-tielet argument, jirriżulta li huwa minnu li lanqas ATP nnifisha ma jidher li kienet għal qalbha dwar is-sistema mħaddem għal dak li jirrigwarda l-aspetti tas-sigurta'.  Kemm hu hekk, irriżulta li, xi żmien wara din is-serqa, kienet qabbdet kuntrattur imħejji apposta dwar sigurta' fil-ġarr ta' flejjes u valuta.  B'daqshekk, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan ifisser li s-sistema ma kienx imħaddem. Lanqas ma tifhem kif, minkejja d-difetti u n-nuqqasijiet li seta' jkollu dak is-sistema, l-imħarrek kien ħadha fuqu li jħossu anqas fil-periklu li jitla' f'karozza tal-linja bla ebda skorta u mimlija nies, iġorr basket mimli b'somma flus, jinżel jimxi fi triq pubblika sa ma jasal id-dar biex, l-għada, jerġa' jinżel għax-xogħol bl-istess somma flus fuqu ħalli jiddepożitaha sewwasew fejn sata' ħalliha lejliet.  Il-Qorti ma tarax kemm dan il-metodu ta' riskju impost fuqu nnifsu, l-attur seta' jsejjaħlu anqas perikoluż mis-sistema mħaddem.  F'dan ir-rigward, il-Qorti tislet dan il-kliem meħud mir-Rapport imressaq mill-espert tekniku maħtur mill-Qorti Inkwirenti lill-istess Qorti fl-atti tal-inkjesta

Maġisterjali meta qal li min seraq lill-imħarrek "*aktarx huwa midħla sewwa tiegħu u jaf ix-xogħol tiegħu sewwa u jaf ukoll li Vassallo ikollu l-flus fuqu meta jispiċċa mix-xogħol*"[47]. Għall-Qorti, din l-għamla ta' riskju li ġarr fuqu l-imħarrek b'għażla tiegħu xxejjen għal kollox l-aspett tal-inevitabilita' ta' dak li ġralu u turi nuqqas ta' għaqal li seta' ġagħlu jintebah li kien qed jagħmel żball[48];

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-imħarrek naqas li jwettaq ir-rabtiet kontrattwali mnissla mill-kuntratt tal-impieg tiegħu u li dak li ġralu ma kienx jeħilsu mill-effetti ta' dawk ir-rabtiet (għall-anqas dwar dak li jirrigwarda l-flus li kien ġabar mill-bejgħ tal-biljetti). Għalhekk, minn dan l-aspett, l-ewwel talba attriċi għandha tintlaqa' u s-sitt eċċezzjoni tal-imħarrek titqies bħala waħda mhix mistħoqqa;

Illi ladarba l-Qorti waslet f'din il-fehma, jeħtieġ li tistħarreġ **id-disa' eċċezzjoni** li biha l-imħarrek jgħid li, f'kull każ, lil ATP m'għandu jagħtiha la s-somma mitluba minnha fiċ-Ċitazzjoni u lanqas l-ebda somma oħra. Huwa jgħid li dan ġara minħabba li dak li batiet ATP min-nuqqas tiegħu li jgħaddilha l-flus li kie ġabar dak inhar, ATP irkupratu xorta waħda band'oħra. Fi kliem ieħor, l-imħarrek ifisser dik l-eċċezzjoni bħala mibnija fuq it-tpaċija;

Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara, għall-finijiet ta' korrettezza fattwali u proċedurali, li dan l-argument tal-imħarrek qiegħda tqisu fil-qafas tad-disa' eċċezzjoni tiegħu u mhux bħala eċċezzjoni ġdida. Minn dan l-aspett ATP ma hix tgħid sewwa meta, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, tikkunsidra dan l-argument tal-imħarrek bħala "eċċezzjoni ulterjuri", kif jogħġobha ssejħilha[49]. Il-Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-imħarrek sewwasew biex iressaq eċċezzjoni ulterjuri (u dan il-fatt ATP tafu żgur, għax kienet hi stess li ressqet rikors għall-isfilz tax-xhieda li l-imħarrek ressaq bħala bażi tal-eċċezzjoni ulterjuri li ried iressaq). Waħda mir-raġunijiet li wasslet lil din il-Qorti għal dik iċ-ċaħda kienet li hija dehrilha li dik il-linja ta' difiża kienet diġa'

47 Ara paġ. 122 tal-proċess
48 Ara x-xhieda ta' Emanuel Galea 17.1.2000, f'paġ. 48 tal-proċess
49 Paġġ. 345 tal-proċess

taqa’ sewwasew fil-parametri tad-disa’ eċċezzjoni li kienet ilha li tressqet sa mill-bidunett;

Illi jibda biex jingħad li t-tpaċija sseħħ hekk kif tnejn min-nies ikunu, fl-istess waqt, ukoll debituri ta’ xulxin[50]. Kemm hu hekk, din it-tpaċija ssir bis-saħħa tal-liġi wkoll jekk kemm-il darba d-debituri jkunux jafu li qegħda sseħħ[51]. It-tpaċija sseħħ fejn ikun hemm żewġt idjun li jkollhom somma ta’ flus jew ħaġa funġibbli ta’ l-istess speċi u dan sakemm iż-żewġt idjun ikunu likwidi u dovuti[52];

Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni[53]. Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f’biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta’ għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja[54] u twaqqa’ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi t-tpaċija sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b’mod li hekk kif ikunu jeżistu **żewġt idjun fi żmien wieħed** joqtlu ’l xulxin safejn ikunu ndaqs[55]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, “*i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge...*”[56];

Illi t-tpaċija tista’ titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[57]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa’ skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq ’il dak li jkun iċken;

---

[50] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[51] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[52] Art. 1197(1) tal-Kap 16
[53] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[54] P.A. **3.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri et vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.128**)
[55] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[56] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9[a] Ediz.), § 246, paġ. 415
[57] Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365

Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[58]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantita', u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[59];

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorita' interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico*"[60];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha u minn dak li ħareġ mill-provi, għandu jkun ċar li din l-eċċezzjoni tal-imħarrek m'hijiex tajba u tfalli, tħares lejha mnejn kull fejn tħares lejha. L-imħarrek jgħid li din it-tpaċija seħħet minħabba li, wara li saret is-serqa fuqu, is-sidien tal-karozzi tal-linja qatgħuha – fuq inizzjattiva meħuda minn wieħed fosthom, Alex Pulo, li saħansitra mexxa petizzjoni f'dan is-sens[61] – li jikkompensaw lill-imħarrek għat-telfa li ġarrab. Huwa jgħid li Pulo għarrfu li s-sehem u l-konkorrenza tas-sidien tal-linja tant kienet qawwija li s-somma li nġabret kienet

---

[58] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235)**
[59] Art 1197 tal-Kap 16
[60] Pescatore e Ruperto Codice Civile Annotato , paġ. 1164
[61] Affidavit ta' Alex Pulo, f'paġ. 173 tal-proċess

biżżejjed biex tagħmel tajjeb għal kull somma li naqset bis-serqa;

Illi, mill-fatti mressqa, madankollu, dan ma jirriżultax li kien il-każ. L-ebda wieħed mix-xhud imressqa mill-imħarrek ma ikkonferma li l-għotja tiegħu tassew għaddiet f'idejn ATP. Meta saritilhom il-mistoqsija, ġeneralment kollha stqarrew li huma kienu taw il-kunsens tagħhom li titnaqqas somma mill-ħlas li kellha tgħaddilhom ATP f'dak ix-xahar partikolari, iżda ħadd minnhom ma kien f'qagħda jixhed li s-somma li ikkontribwew kienet fil-fatt tnaqqset mill-ħlas ta' kull xahar mogħti lilhom minn ATP[62]. Ix-xhud waħdien li stqarr li kien ħareġ il-kontribuzzjoni tiegħu kien John Borġ, li dak iż-żmien tas-serqa kien il-president ta' ATP, iżda li qal li l-flus għaddihom direttament lill-imħarrek[63]. Minbarra dan, ħareġ mill-istess xhieda li l-ġabra (bħalma sar dejjem) kienet issir għall-benefiċċju tal-impjegat sinistrat u mhux għall-benefiċċju ta' ATP. Fit-tielet lok, mill-provi dokumentali mressqa minn ATP[64] u mix-xhud imressaq minnha[65], l-ebda tnaqqis ma sar minnha favur l-imħarrek tul iż-żmien rilevanti;

Illi, mill-aspett legali, imbagħad lanqas jeżistu l-elementi ta' tpaċija. Ewlenija fost kollox hija n-nuqqas ta' obbligazzjoni awtonoma min-naħa ta' ATP lejn l-imħarrek kapaċi li tintuża biex titfi l-obbligazzjoni li kellu l-imħarrek lejn ATP. L-"obbligazzjoni" tal-kontribuzzjoni tas-sidien tal-linja (li, fuq kollox, kienet waħda volontarja u mhux imġiegħla) tnisslet minn inizzjattiva ta' terza persuna u mhux mill-"kreditur" tal-imħarrek. Fit-tielet lok, il-"kreditu" tal-imħarrek ma kien la likwidu u lanqas esiġibbli kontra ATP, fis-sens li hu ma kellu l-ebda jedd jippretendi li ATP tniedi, torganiżża jew issegwi ġabra minn fost l-impjegati tagħha biex ittaffi jew titfi d-dejn li l-imħarrek kellu magħha;

Illi għalhekk, lanqas id-disa' eċċezzjoni m'hi sejra tintlaqa';

---

[62] Xhieda ta' Alex Pulo11.11.2008 u ta' Nazzareno Aġius, Carmel Farruġia, Michael Cutajar u Carmel Aġius 24.2.2009 f'paġġ. 295, 321, 326, 331u 352 tal-proċess
[63] Xhieda tiegħu 11.11.2008, f'paġ. 278 tal-proċess
[64] Dokti "VS1" sa "VSX", f'paġġ. 232 sa 274 tal-proċess
[65] Xhieda ta' Victor Spiteri 11.11.2008, f'paġ. 299 tal-proċess

Illi jifdal li l-Qorti tqis it-**tmien eċċezzjoni** tal-imħarrek li tgħid li ċ-Ċitazzjoni tonqos li tagħraf bejn in-nuqqas ta' ħlas mill-biljetti mhux mibjugħa u n-nuqqas ta' ħlas tal-flus miġbura. Huwa fatt li t-talba attriċi fl-Att taċ-Ċitazzjoni tiġbor flimkien f'somma waħda kemm il-flus miġbura li l-imħarrek naqas li jgħaddi lil ATP u kif ukoll il-biljetti li ma ntraddewx lura. Fi kliem ieħor, ATP titfa' f'keffa waħda permezz ta' somma globali, żewġt iħwejjeġ li, legalment huma ta' natura differenti. Ma hemmx dubju li l-flus miġbura huma ta' natura differenti minn biljetti mhux mibjugħa, li għalkemm jirrappreżentaw valur fuqhom, ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala valuta;

Illi, madankollu, dan m'huwiex ir-raġuni li dwarha l-Qorti sejra tqis din l-eċċezzjoni. Ir-raġuni ewlenija tintrabat mal-fatt li, kif ħareġ mix-xhieda ta' ATP nnifisha[66], il-bejjiegħa tal-biljetti ma kinux mitluba li jiddepożitaw il-biljetti mhux mibjugħa bħalma kienu mistennija jiddepożitaw il-flus li jinġabru. Għall-kuntrarju, ħareġ mill-istess xhieda ta' ATP li l-proċedura mħaddma kienet li kull bejjiegħ tal-biljetti jieħu miegħu d-dar fi tmiem il-jum tax-xogħol il-biljetti li ma jkunx biegħ matul dak inhar u mbagħad l-għada (jew meta jkun imissu jerġa' jidħol xogħol) iqabbel mal-uffiċjal inkarigat kemm biljetti jkun qed ireġġa' lura[67];

Illi għall-Qorti, din iċ-ċirkostanza hija determinanti għaliex dak li seta' jingħad dwar ir-responsabbilta' tal-imħarrek dwar is-serqa tal-flus li kien qed iġorr fuqu meta naqas li jiddepożitahom, ma jistax jingħad ukoll dwar il-biljetti mhux mibjugħa. F'dan il-każ, anzi, kien mistenni li l-bejjiegħ joħodhom miegħu d-dar u jivverifikahom l-għada. Mill-provi mressqa, joħroġ ċar li lill-imħarrek insteraqlu l-baskett b'kollox, flus, dokumenti u biljetti mhux mibjugħa. Wara ftit sigħat, sab il-basket bla flus, u x'aktarx ittieħdu wkoll xi biljetti. Biljetti oħrajn ħadhom l-għada, meta mar għax-xogħol[68];

Illi dwar l-imsemmija biljetti li nsterqu mal-flus, il-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrek jista' jqajjem iċ-ċirkostanza tal-forza

---

[66] Xhieda ta' Victor Spiteri 17.1.2000, f'paġġ. 39 – 40 tal-proċess
[67] Xhieda ta' Emanuel Galea 17.1.2000, f'paġ. 46 tal-proċess
[68] Ara Dok "EG3", f'paġ. 62 tal-proċess

maġġuri, billi meta nsteraq, ma kellu l-ebda għażla li ma jkunx qed iġorr fuq il-persuna tiegħu dawk il-biljetti. U ATP naqset li turi li s-serqa saret b'xi forma ta' kollużjoni mal-imħarrek. F'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tilqa' s-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrek fil-paragrafi 14 u 15 tan-Nota tiegħu[69];

Illi sa mill-bidu nett, meta l-imħarrek irrapporta s-serqa dak inhar filgħaxija fl-Għassa tar-Rabat, huwa semma li kienu nsterqulu mal-erbat elef lira Maltin (Lm 4,000)[70]. Huwa tenna din iċ-ċifra matul is-smigħ tal-kawża meta xehed b'affidavit[71]. Hija wkoll is-somma li tissemma mill-Qorti tal-Maġistrati bħala s-somma misruqa li dwarha sabet il-ħtija fiż-żewġ persuni li serqu lill-imħarrek. Fir-rapport li kien reġa' mar jagħmel l-Għassa aktar tard dak inhar meta nstab il-basket li kien insteraqlu, kien semma li l-flus ma sabhomx. Min-naħa l-oħra, jistqarr li l-flus li kien qed iġorr kienu noti ta' flus kontanti. Il-"fidda" u ċ-*cheques* kien iddepożitahom;

Illi, għalhekk, bi stqarrija nnifisha min-naħa tal-imħarrek, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba attriċi trid titnaqqas sal-ammont ta' flus misruqa mingħand l-imħarrek iżda m'għandhiex tintlaqa' safejn dik is-somma tirrappreżenta l-import ta' biljetti mhux mibjugħa;

Illi f'dan ir-rigward, is-somma mitluba fl-ewwel talba attriċi qiegħda tkun likwidata fl-ammont ta' disat elef tliet mija u sbatax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 9,317.50), bl-imgħax fuq l-istess somma jibda jitqies minn dak inhar tan-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-imħarrek minn ATP, jiġifieri mis-26 ta' Awissu, 1997[72]. Dan qiegħed jingħad għaliex, għalkemm il-Qorti qiegħda taġġusta l-ammont likwidat skond l-ewwel talba attriċi f'din is-sentenza, madankollu, ATP kienet talbet l-istess somma espressament mingħand l-imħarrek fl-imsemmi att ġudizzjarju u għalhekk ma jgħoddx għall-każ il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*;

---

[69] Paġ. 375 tal-proċess
[70] Li jġibu € 9,317.50 fi flus tal-lum
[71] Affidavit tiegħu f'paġ. 200 tal-proċess
[72] Dok "ATP1", f'paġ. 160 tal-proċess

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tmien eċċezzjoni hija tajba u sejra tilqagħha billi tirriflettiha fis-somma mnaqqsa mitluba fit-talba attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel sitt u d-disa’ eċċezzjonijiet** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa’ t-tmien eċċezzjoni** billi tirriżulta mistħoqqa;

**Tilqa’ għalhekk limitatament it-talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-Assoċjazzjoni attriċi s-somma ta’ disat elef tliet mija u sbatax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 9,317.50) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mis-26 ta’ Awissu, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Assoċjazzjoni attriċi terfa’ kwart ($^{1}/_{4}$) mill-**ispejjeż tal-kawża** filwaqt li l-imħarrek iħallas it-tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) l-oħrajn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------